# Bandisti jdoqqu mal-Banda L'Isle Adam fis-Seklu XX, li niftakar jiena

## *Bandisti li huma aktar minn żewġ persuni mill-istess familja*

**Tagħrif miġbur minn Duminku Micallef**
*Eks-bandist*

### It-Tieni Taqsima

Fil-ktieb tas-sena l-oħra, tal-festa ta' San Ġużepp (2016), ktibt l-ewwel parti ta' dan l-artiklu tiegħi dwar il-"Bandisti li niftakar jiena fis-Seklu XX", illum ser inkompli t-tieni taqsima li jitratta kollu kemm hu dwar il-familja tiegħi. Missieri, it-tliet kuġini, jiena, hija, it-tifla tiegħu u n-neputija kollha konna ndoqqu xi strument mużikali.

### Bandisti tal-Familja Micallef

Minn statistika uffiċjali li tinsab fl-Arkivju tal-Każin tal-Banda L'Isle Adam, dwar kemm kien in-numru ta' Bandisti fl-1906, fost l-oħrajn insibu, lil Paolo Tagliana, bil-klarinett li jiġi z-ziju ta' missieri u liz-ziju Pawlu bil-klarinett baxx. Aktar tard, fl-1920, ma' dawn it-tnejn insibu li żdiedu missieri Carmelo bl-ewfonju, liz-ziju Ċensu li kien idoqq saksafon sopran u liz-ziju Ġuż bil-baxx. Jiġifieri sa minn qabel mija u ħdax-il sena ilu, diġà fil-familja tiegħi kien hemm idoqqu ħames membri, iżda mal-medda tas-snin żdiedu mhux ħażin, kif ser naraw f'dan l-artiklu tal-lum u ser nibda nagħti xi tagħrif fuq kull wieħed, u nibda miz-ziju Ċensu.

### Iz-Ziju Ċensu



Iz-Ziju Ċensu (1891-1931c) kien idoqq is-saksafon baritonu mal-Banda L'Isle Adam u nsibu ismu fil-lista ta' kif kienet iffurmata din il-Banda fl-1920 u miegħu hemm ukoll erba' membri oħra tal-familja tiegħi, li diġà semmejthom iktar 'il fuq. F'dik is-sena (1920) fil-banda kien hemm 63 bandist tal-post. Iz-ziju Ċensu kien miet ta' età żgħira, ta' 40 sena fl-1931. Fir-ritratt narawh liebes l-uniformi tas-sajf tal-Banda L'Isle Adam.

Hu kien devot kbir ta' San Ġużepp u dilettant ħafna tal-festa. Tant hu hekk li kien ipprofessa bħala Fratell fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, fil-15 ta' Frar 1920, meta kellu 29 sena. Fid-dar fejn twieled u trabba, fi Triq Doni r-Rabat numru 72, kellu kamra kif tidħol d-dar, wara l-bieb li kienet armata bħala Kappella ta' San Ġużepp armata b'kollox b'daqs normali.

Fost l-oħrajn kellu statwa ta' San Ġużepp daqs ta' persuna (ara l-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp tas-sena 2012 paġni 63 u 64). Din l-istatwa, missieri kien ta lil Prokura tal-Festi ta' Barra ta' San Ġużepp tar-Rabat, tintrama quddiem il-Kappella ta' San Bert fi Triq Zondadari, Rabat.

Iz-Ziju Ċensu kellu wkoll statwa antika tal-karta pesta ta' San Ġużepp ta' daqs 70 ċentimetri u fit-8 ta' Marzu 1925, l-Isqof Dom. Mauro Caruana, kien ħareġ dokument u ta l-Indulġenzi Plenarji għal kull min jitlob quddiem din l-istatwa. Kemm din l-istatwa kif ukoll id-dokument imsemmi jinsabu għandi b'għożża kbira u b'devozzjoni.

### Iz-Ziju Pawlu



Iz-Ziju Pawlu fl-1906 kien diġà jdoqq mal-Banda L'Isle Adam bil-Klarinett Baxx u aktar tard bil-katuba u kien ukoll Assistent Surmast ta' din il-Banda. Kien ukoll struttur (jgħallem lil Allievi) u ta' min isemmi li fl-1921 kien ħareġ grupp ta' żgħażagħ li kienu 17-il bandist mal-istess Banda, fil-festa tas-Salib Imqaddes (ara ritratt ta' dawn il-bandisti ġodda, fil-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1979 f'paġna 31). Din ma kinitx xi ħaġa ta' darba għax f'dawk iż-żminijiet tas-Seklu XX kienu ħafna l-bandisti attivi. Fis-sena 1921 il-Banda L'Isle Adam kienet komposta minn 63 bandist, li nsibu l-isem ta' kull wieħed u xi strument kienu jdoqqu fl-Arkivju tal-Każin. Kien

diffiċli li kienu jġibu bandist jew tnejn barranin għal ħafna programmi li l-Banda tagħna kienet tagħmel madwar Malta kollha. Iz-Ziju Pawlu kien jikkomponi xi marċ u xi biċċiet żgħar ta' mużika. Inkomplu dwar il-Festa tas-Salib Imqaddes. Din kienet tkun iċċelebrata b'solennità kbira fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani (Santa Marija ta' Ġesù) fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju. Kienet issir purċissjoni bil-Vara tas-Salib Imqaddes. Din kienet opra artistika tal-Għawdxi Wistin Camilleri. Il-Knisja kienet tkun armata tajjeb ħafna, kienu jieħdu sehem il-Patrijiet u l-Fratellanza ta' San Ġużepp flimkien mal-Banda L'Isle Adam, li kienet iddoqq marċijiet reliġjużi għall-okkażjoni.

Iz-ziju Pawlu fost uliedu kellu lil Ġużeppi jdoqq is-sax tenur mal-banda tagħna. Imma peress li kien fin-'Navy' ma tantx kellu karriera twila mal-banda tagħna. Ġużeppi miet fil-5 ta' Diċembru 1989 ta' 72 sena.

Iz-Ziju Pawlu wara xi snin miż-żwieġ tiegħu, kien mar joqgħod tas-Sliema u ntefa' mal-Każin tal-Banda "Sliema" li tagħmel il-festa tas-Sacro Cuor mill-Patrijiet Franġiskani, u hemm kompla l-ħidma tiegħu ma' din is-Soċjetà Mużikali tant popolari.

Iz-Ziju Pawlu bħal ħutu l-oħra, il-festa ta' San Ġużepp kienet għalih kollox. Hu pprofessa Fratell fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp fil-15 ta' Frar 1920.

### Iz-Ziju Ġuż



Iz-Ziju Ġuż, magħruf ma' kulħadd bħala Ġużeppi tal-baxx, naturalment għax kien idoqq mal-Banda L'Isle Adam bl-istrument tal-baxx. Għalkemm kien ikollu diversi offerti biex idoqq ma' diversi baned barra r-Rabat, qatt ma mar idoqq ma' baned barranin ħlief mal-Banda tat-tfal- tal-Istitut ta' San Ġużepp u qatt ma ħa flus tas-servizzi li kien jagħmel. Iz-Ziju Ġuż kellu żewġt uliedu jdoqqu mal-istess Banda Ġużeppina. Wieħed kien jismu Vanni, li kien idoqq il-klarinett, iżda fi tfulitu kien emigra lejn l-Awstralja u miet fl-2013. Kellu wkoll lil Ġużeppi li kien idoqq mal-istess Banda bis-saksafon alto u aktar tard bil-baritnu.

Kellu wkoll żewġt subien oħra, Leli li kien attiv ħafna fil-Każin tal-Banda L'Isle Adam fosthom bħala segretarju u lil Pawlinu li għamel żmien assistent segretarju fi żminijiet differenti. Biex inkompli iżjed dwar iz-ziju Ġuż ser inġib x'kien kiteb ibnu Ġużeppi (il-kuġin) aktar minn 30 sena ilu.

Ġużeppi tal-baxx, kif kulħadd kien isibu minħabba li kien idoqq il-baxx, twieled fil-21 ta' Jannar 1891, bin Ċensu Micallef u Duminka Tagliana. Barra lil Ġużeppi, Ċensu kellu tliet subien oħra li kollha tgħallmu jdoqqu: Pawlu kien idoqq il-klarinett baxx u aktar tard il-katuba, Ċensu kien idoqq is-sax baritnu u Karmenu kien idoqq l-ewfonju. Ġużeppi żżewweġ lil Marija Mangion mill-Mosta fil-31 ta' Ottubru 1920. It-tieġ sar fil-parroċċa tal-Mosta, u skont l-użanza ta' dak iż-żmien, fl-artal tal-ġenb iddedikat lit-tieġ tal-Madonna u San Ġużepp.

L-ewwel sentejn tal-ħajja miżżewġa, Ġużeppi għaddihom il-Mosta f'dar fi Triq Ċejlu Tonna, u bħala ġirien kien hemm omm l-Ex-Arċipriet tar-Rabat, Dun Benny Tonna. Nahseb ma kinitx ħaġa ta' gost timxi mill-Mosta għal Birkirkara kull filgħodu biex taqbad il-ferrovija u terġa' tagħmel l-istess filgħaxija, għalkemm ftit wara li kellu l-ewwel tarbija telgħa joqgħod ir-Rabat. Aktarx li minħabba d-diffikultajiet tat-trasport, ma baqax idoqq mal-Banda L'Isle Adam meta kien joqgħod il-Mosta, imma sar bandist tal-Banda Nicolò Isouard, li kellha bħala surmast lil Ġanni Vella.

Ġużeppi miet fl-20 ta' Marzu 1956, ftit sigħat biss wara li daħlet l-istatwa ta' San Ġużepp. Sarlu funeral akkumpanjat mill-Banda L'Isle Adam, minn ħdejn ir-Roman Villa għall-Knisja ta' Ġieżu, fejn jinsab midfun. Iz-Ziju Ġuż, bħal ħutu l-oħra, kien devot ta' San Ġużepp u kien ipprofessa fil-Fratellanza ta' San Ġużepp fil-15 ta' Frar 1920.

Martu Marija mietet fl-10 ta' Marzu 1956 ta' 56 sena, u Ġużeppi miet għaxar t'ijiem biss warajha ta' 65 sena.

### Ġużeppi (it-tifel taz-Ziju Ġuż, li kien Kopista)



Dwar il-kuġin Ġużeppi, li hu t-tifel taz-ziju Ġuż, hemm ħafna xi tgħid għax minbarra li kien bandist u baqa' jagħti s-servizzi tiegħu bħala bandist mal-Banda L'Isle Adam sal-aħħar ta' ħajtu fl-10 ta' Mejju 1993, hu kien idoqq ma' ħafna baned oħra. Ġużeppi kien Kopista, jiġifieri jikkopja l-partituri ta' kull bandist u kien ukoll jitrasporta l-partituri minn strument għall-ieħor, għalhekk ried ikun jaf jarmonizza t-tonatura ta' kull strument.

Eżatt 26 sena ilu, jiena kont għamiltlu intervista

bħala wieħed mill-Bandisti Anzjani li kien għad baqa' ħajjin fl-1991. Din l-intervista kienet stampata fil-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1991 f'paġna 28. Hu kien qal dan il-kliem:

"Biex nibda mill-bidu, jiena twelidt fid-29 ta' Jannar 1922, għalhekk illum għandi 69 sena. Forsi tinħass stramba li jien twelidt il-Mosta u għammduni fir-Rotunda. Meta kien għandi biss disa' xhur, missieri u ommi telgħu r-Rabat u għalhekk trabbejt hemm u min jistaqsini minn fejn, ngħidlu li jien Rabti – Rabti Ġużeppin.

Minn ċkuniti kont niffrekwenta l-Każin tal-Banda, u niftakarni mmur nara l-gazzetti, għax dak iż-żmien ħadd ma kien jixtri gazzetti. Meta kelli xi ħmistax-il sena tħajjart nitgħallem il-mużika, u ħadt xi lezzjonijiet għand Ġużeppi Galea (iz-ziju tas-Surmast preżenti) u għand Anġlu Bartolo (Karusu) imma ma ssuktajtx. Meta spiċċajt l-iskola bdejt ma' Willie Attard u rnexxieli noħroġ indoqq bis-sax alto fil-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 1939. Dik is-sena, barra minni, kienu ħarġu; Karmenu Borg u Ġużeppi Falzon, imma dawn it-tnejn ħarġu għall-festa ta' San Ġuzepp. Jiena ipprofissajt fit-12 ta' April 1940. Mhux l-ewwel darba li ktibt xi ħaġa żgħira fir-rivista "Is-Santwarju ta' San Ġużepp".

Issa nixtieq ngħid xi ħaġa dwar ir-rabta tiegħi max-xahar ta' Marzu. Dħalt it-Tarzna fil-21 ta' Marzu 1938, u spiċċajt fil-31 ta' Marzu 1979 meta l-Ingliżi telqu minn Malta. Fl-10 ta' Marzu 1956 mietet ommi, u missieri miet għaxar t'ijiem warajha, fl-10 ta' Marzu 1956. Min jaf jien għadx immut ukoll f'Marzu? (fil-fatt il-Kuġin miet bla ma ħadd kien jistenna fl-20 ta' Mejju 1993 ta' 71 sena. Il-funeral tiegħu sarlu fil-Parroċċa tal-Karmelitani tal-Fgura, fejn kien joqgħod u ndifen fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata).

Il-gwerra waqqfet kull attività tal-Banda, u fil-Każin kellna n-nies rifuġjati, imma malli bdew jonqsu l-air-raids, irsistejna ħafna biex nagħmlu l-programm tal-Imnarja għax ħassejna li jista' jitħajjar ħaddiehor. Niftakar kien jonqosha xi partijiet tas-sinfonija "I Cavalieri di Malta" ta' G. A. Nani u s-Surmast Muscat Azzopardi qalli biex nagħmilhom, avolja qatt ma kont ikkupjajt qabel. Għoġbuh u minn dak iż-żmien bdejt nikkopja u wara ltqajt mas-Surmast V. Ciappara, u s-Surmast J. Abela Scolaro u tgħallimt ħafna mingħandhom.

Illum inħoss li wasalt biex nitlaq kollox imma sakemm inkun niflaħ nibqa' nsegwi l-attivitajiet tal-Banda L-Isle Adam."

Apprezzament dwar Ġużeppi Micallef, miktub mis-Sur Joe Galea nkiteb fil-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1994 u fil-ġurnal ta' kuljum "In-Nazzjon" tat-23 ta' Ġunju 1993.

### Karmenu Micallef (Missieri) – 30-11-1904 – 22-11-1974



Għal Karmenu, il-Każin kien ħajtu u t-tieni dar tiegħu. Kien iqatta' ħin twil anke fis-sigħat ta' bil-lejl, għax barra li kien bandist, kien ukoll jaħdem it-Teatrin mal-Kumpanija Teatrali Vittorio Alfieri. Din kienet kumpanija għaż-żgħażagħ li twaqqfet fl-1925 u baqgħet taħdem sal-1950. Imma qabel din il-kumpanija kien hemm oħra bl-isem ta' Emmanuele Vitale, li twaqqfet fit-8 ta' Mejju 1887, u l-ewwel debutt tagħha kien fil-31 ta' Awwissu 1888.

Fil-lista uffiċjali tal-ismijiet tal-bandisti u xi strument li kienu jdoqqu, li tinsab fl-Arkivju tal-Banda L'Isle Adam tal-1920, fost it-63 bandist tal-post insibu l-isem ta' missieri flimkien ma' tliet ħutu oħra. Hu baqa' jdoqq sa meta kellu madwar 60 sena, jiġifieri ta servizz lill-Banda L'Isle Adam għal aktar minn 40 sena. Karmenu miet fit-22 ta' Jannar 1974 u l-funeral tiegħu sar fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu) ir-Rabat, akkumpanjat bil-Banda L'Isle Adam. Missieri, bħal ħutu l-oħra kien membru fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp li kien ipprofessa f'din il-Fratellanza fl-10 ta' Mejju 1925.

Hawn ta' min isemmi l-każ li l-familja tagħna għaddejna minnu inġustament, għaliex meta missieri miet fl-isptar ta' St. Luke's, mill-Kamra Mortwarja tal-Isptar fi Gwardamangia, il-katavru ta' missieri twassal wara l-bieb taċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita fir-Rabat, li kien magħluq u ma nfetaħx, minħabba xi kwistjoni li kien hemm bejn il-Gvern u l-Knisja u għal din ir-raġuni missieri ma ndifinx fiċ-Ċimiterju tar-Rabat imma d-difna saret fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata fil-komun.

Missieri, qatta ħajtu fit-tliet każini li kellha s-Soċjetà Mużikali f'dawn l-aħħar mija u tletin sena. L-ewwel fit-Triq Santu Wistin, numru 33, li l-ftuħ uffiċjali tiegħu kien sar fit-3 ta' Ġunju 1886 mill-Gvernatur Sir John Linton Simmons. L-akbar biċċa xogħol ta' dan il-każin kien it-Terrazzin, li nbidel f'sala kbira tat-Teatrin. Dan kien inawgurat fl-1927 u x-xogħol kien taħt id-direzzjoni tal-Perit Rabti u membru tal-istess Soċjetà Mużikali, Carmelo Micallef u tkompla mill-Imgħallem Carmelo Agius, missier il-Perit Ġużè Agius Bonello. Dan it-Teatru kien iġib l-isem ta' "Astoria Theatre" fir-rokna ta' Pjazza L'Isle Adam, kantuniera ma' Triq San Ġużepp.

It-tieni każin, kien Palazzo Castelletti fi Triq San Pawl, fl-1943, dan hu Palazz kbir terran bi 15-il kamra kbar, li għal użu tas-Soċjetà xi kmamar kellhom jinfetħu u saru swali kbar għal-logħob tal-Biljards u Kunċerti tal-Banda. Illum dan il-post qed jintuża bħala post kummerċjali bl-isem ta' Palazzo Castelletti u baqa' bl-istess struttura ta' kif kien iservi bħala Każin tal-Banda L'Isle Adam.

It-Tielet każin: fid-9 ta' Ġunju 1951, is-Soċjetà L'Isle Adam xtrat palazz kbir b'żewġ sulari u ġnien kbir u arjuż, "Palazzo Xara", bl-Atti tan-Nutar Dr Joseph Sammut u li kien President tas-Soċjetà l-Wisq Nobbli Kav. Alexander Apap Bologna, imma minħabba li f'dan il-Palazz kienu joqogħdu żewġt familji, is-Sinjorina Yolanda Camilleri flimkien ma' ħuha Dr Joe Mifsud Bonnici u fil-parti tas-sular t'isfel kien hemm il-familja Ciappara, għal din ir-raġuni, is-Soċjetà ma daħlitx f'dan il-Palazz qabel is-sena 1956. Biex is-Soċjetà akkwistat dan il-Palazz, il-kuntatti saru bejn wieħed u ieħor mill-1949. L-inizjattiva kienet f'idejn il-President tal-Każin li diġà semmejna hawn fuq u s-Sur Patist Zahra flimkien mas-Sur Ċensinu Muscat, bl-approvazzjoni tal-kumitat.

Ta' min isemmi, li kien missieri, li bil-permess ta' dawn is-sinjuri, kien tela' fuq it-turretta ta' dan il-Palazz u bla slielem irnexxielu jtella' l-Bandiera tas-Soċjetà tperper għall-ewwel darba fuq dan il-Palazz, għaż-żiffa ħelwa ta' Ġunju 1951.

F'dan il-Każin, saru ħafna xogħlijiet ta' struttura fil-ħitan u fil-parti t'isfel kien hemm erba' kmamar imdaqsin li nfetħu f'sala kbira, għall-biljards, Bar u Kunċerti tal-Banda. Kienet responsabbilità kbira u ta' ħsieb, għall-Periti u l-Kuntratturi, li fl-aħħar mill-aħħar kollox spiċċa b'suċċess u b'wiċċ il-ġid, dejjem bl-għajnuna ta' San Ġużepp.

Il-ġnien kbir li kien fih dan il-Palazz inbidel u saret bitħa spazjuża għall-attivitajiet soċjali bi skop finanzjarju. Dan il-ġnien kien fih żewġ siġriet kbar u għoljin ħafna tal-Awrikarja li kull filgħaxija kienu jinġabru mijiet ta' għasafar li kont titgħaxxaq bl-armonija ta' tpespis tagħhom. Kont tismgħahom mit-toroq ta' madwar dan il-Palazz. Dan il-ġnien kien fih għadd kbir ta' siġar taċ-ċitru, l-aktar tal-larinġ. Dawn kollha kienu trasportati għall-għelieqi tal-Kunvent ta' Sant'Agata, ir-Rabat.

Bħalma ktibt aktar 'il fuq, missieri kellu tliet ħutu oħra jdoqqu mal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat tal-Imdina. Issa ser naraw kif missieri fil-familja tiegħu kellu żewġ uliedu bandisit mal-istess Banda msemmija. Kien hemm ħija Karmenu jdoqq il-klarinett, iżda dan fl-1956 emigra lejn l-Awstralja fejn għadu jgħix f'dan il-Kontinent, u jiena kont indoqq l-alto-klarinett li għamilt xi 15-il sena ndoqq. Jiena qatt ma ridt noħroġ għall-kumitat, għalkemm inħoss li tajt sehmi mhux ħażin lis-Soċjetà. Il-Kumitat ħatarni f'żewġ okkażjonijiet bħala membru biex norganizzaw żewġ festi kommemorattivi. L-ewwel darba fl-1975 meta s-Soċjetà ċċelebrat il-25 sena tal-Konsagrazzjoni tal-Każin lill-Qlub Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija, u t-tieni darba kien għaxar snin wara, jiġifieri fl-1985, meta l-Kumitat fakkar il-125 sena mit-twaqqif uffiċjali tal-Banda L'Isle Adam biex jiena nkun inkarigat mill-pubblikazzjoni (PRO) ta' dawn il-festi. Jiena miżżewweġ lil Antonia (Nina) Borg, kellna ħamest'itfal, li tnejn minnhom bħala anġli żgħar qegħdin isebbħu s-sema bis-safa tagħhom, u t-tlieta l-oħra ħajjin huma: Carmen miżżewġa Deguara b'ħamest'itfal, Mario li huwa saċerdot mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl u Emma li hija soru Agostinjana ta' St. Monica.



Jiena, bħalma għamlu z-zijiet kollha u missieri, dħalt membru fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, fl-4 ta' Mejju 1952, xahar biss qabel għalaqt it-18-il sena, jiġifieri 65 sena ilu, kont attiv ħafna f'din il-Fratellanza wisq antika u fost l-oħrajn kont Rettur għal 22 sena.

Il-karriera mużikali fil-familja tiegħi ma spiċċatx hawn u baqgħet għaddejja minn ġenerazzjoni għall-oħra, u għalkemm ma baqa' ħadd bandist mal-Banda L'Isle Adam xorta waħda l-karriera mużikali baqgħet għaddejja. Jiena għandi lit-tifla tiegħi Carmen u t-tifla tagħha (neputija tiegħi) Katya, li t-tnejn għadhom jipprattikaw il-mużika sal-ġurnata preżenti:



Carmen, miżżewġa Deguara, bdiet l-istudju tal-pjanu ta' 4 snin għand is-Sinjorina Maranci, illum Mifsud, wara kompliet għand is-Sinjorina Clorinda

Bonello u għand is-Sinjorina Monica Vella mill-Imdina. Fl-1980 ħadet id-diploma A.T.C.L. u sena wara L.T.C.L. Fl-1982 ħadet ukoll il-Liċenzjat tal-L.R.S.M., għal dawn id-diplomi, Carmen kienet taħt id-direzzjoni tas-Sinjorina Tessie Portelli mill-Ħamrun, u għall-armonija għand is-Surmast Carmelo Pace minn tas-Sliema, u għall-"Viva Voce" u storja tal-mużika marrent għand is-Sinjorina Scicluna Bisazza minn tas-Sliema. Carmen għamlet ukoll kors qasir l-Ingilterra fejn speċjalizzat fl-improvizzar. F'Novembru 2005, hi ggradwat mill-Università ta' Malta b'diploma fl-istudji ta' Mużika Sagra, fil-Liturġija, Mużika Gregorjana u Esekuzzjoni fuq l-Orgni. Carmen iddoqq fil-knejjes, tgħallem il-pjanu u t-teorija. Tgħallem il-mużika ġo skola tal-knisja, fil-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl fir-Rabat. F'din l-iskola hi tidderieġi l-kor, il-kantanti u l-orkestra għall-kunċert tal-iskola u għal jum il-premjazzjoni ta' kull sena. Okkażjoni speċjali u ta' unur għal Carmen, kien il-fatt li ntgħażlet biex takkumpanja fuq l-Orgni r-"Regina Coeli" fl-okkażjoni taż-żjara li l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II għamel fir-Rabat, f'Mejju 1990. Carmen ta' 23 sena bdiet tikteb marċ kull sena lill-Banda L'Isle Adam għall-festa ta' San Ġużepp u għal xi baned oħra. Xi xogħlijiet oħra ta' Carmen kienu nstemgħu wkoll fuq Radju tal-Maltin fl-Awstralja u ndaqqu f'kunċerti fil-Kanada. Għal aktar informazzjoni, ara l-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp tas-sena 2017 paġna 53.

Carmen għandha tliet uliedha fil-qasam mużikali; għanda lil Ninett li hi Soru Agostinjana ddoqq il-pjanu fiċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi tal-Kunvent. Karl ikanta fit-tiġijiet u fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi; Katya, miżżewġa Grech, iddoqq il-flawt ma' diversi baned fosthom mal-Banda King's Own tal-Belt Valletta; u Mark idoqq il-kitarra klassika.

B'hekk għalaqna l-istorja mużikali tal-Familja Micallef li bdiet fl-1906, jiġifieri karriera ta' mija u ħdax-il sena (111) u għadha tiffunzjona.

### Bandisti Nisa

Din il-parti tkompli mal-artiklu li kien ġie ppublikat is-sena l-oħra fejn saret referenza għal-bandisti nisa mall-banda L'Isle Adam. Is-sena l-oħra, rajna kif fl-aħħar għoxrin sena tas-Seklu għoxrin, fl-Għaqda Muikali L'Isle Adam, bdejna naraw it-tfajliet jiffurmaw parti mal-Banda tagħna. Kien fl-1981 li rajna l-ewwel tfajla bil-klarinett, imma fis-snin ta' wara rajna diversi bandisti nisa u tfajliet li ta' kull sena bdew jiżdiedu. Niskuża ruħi, għax is-sena l-oħra ħallejt barra lil Monica Bugeja, illum Incorvaja, bil-kwartin. Hi tgħallmet għand is-Surmastrijiet Ġużeppi Debono u Twanny Galea. Ħarġet iddoqq fil-festa ta' San Ġużepp 1982, meta kellha 8 snin u f'dik is-sena ingħatat tifkira mingħand il-President ta' Malta, is-Sinjorina Agata Barbara.

Monica Bugeja, fost l-oħrajn, ħadet sehem mal-Banda L'Isle Adam meta daqqet fit-Teatru Manoel fl-1985, meta l-Banda rebħet il-Konkors tal-Baned u mal-istess Banda fis-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ taħt id-direzzjoni tas-Surmast Rabti Joe Galea.

Hi daqqet ma' diversi baned oħra barra r-Rabat. Monica għandha lil ħuwha Richard Bugeja idoqq il-Klarinett u hu l-Assistent Direttur tal-Banda L'Isle Adam.

### L-ewwel funeral għal mara mill-Banda L'Isle Adam – Polly Micallef

26 sena ilu, jiġifieri fil-25 ta' Ġunju 1991, is-Soċjetà Filarmonika L'Isle Adam, kitbet paġna ġdida fl-istorja tagħha għax f'dik il-ġurnata sar l-ewwel funeral fir-Rabat lil mara akkumpanjatha bil-Banda L'Isle Adam.

Polly Micallef (Tan-Nobes) kif kienet magħrufha mar-Rabtin, mietet fl-24 ta' Ġunju 1991. Hi kienet xebba attiva ħafna mhux biss fil-Każin tal-Banda, għax hi kienet waħda minn tal-bidu fil-Kumitat tal-"Għaqda Nisa L'Isle Adam", iżda wkoll fis-Santwarju ta' San Ġużepp u fil-Knisja ta' Ġieżu. Dawn kienu t-tieni dar tagħha. Polly inħatfet minn qalb is-Soċjetà Ġużeppina wara marda qasira ta' ftit ġranet meta kienet għadha fl-aqwa tagħha ta' 63 sena. Kif semmejna, il-funeral tagħha kien akkumpanjat mill-Banda L'Isle Adam sal-Knisja ta' Ġieżu fejn sarilha l-funeral.

Wara mewtha kienu dehru xi apprezzamenti fuq tliet ġurnali lokali bil-Malti.